MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1484/2003

**Logix Communications Limited**

**Vs**

**Lapsi Hotels Limited u Lapsi Holdings Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm860.00c (tmien mija u sittin lira Maltija) rappresentanti l-prezz ta’ reklamar rezi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lill-Dr Michael Grech li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u

jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm860.00c (tmien mija u sittin lira Maltija), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------